MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2003

Appell Kriminali Numru. 134/2003

**Il-Pulizija**

**v.**

**John Agius**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra John Agius talli fit-8 ta' Gunju, 2002 u fil-granet ta' qabel fil-fond residenzjali (garage Nru 15 Triq il-Gibjun, Attard), zamm bhima tal-fart (ziemel) meta xi hadd mill-girien ghamel oggezzjoni minhabba li kellu l-mard fid-dar, jew ghal xi raguni tajba ohra, jew inkella wara li gie mwissi mill-Pulizija;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-23 ta' Gunju, 2003 li permezz taghha dik il-qorti sabet lil imsemmi John Agius hati skond l-imputazzjoni kif dedotta u kkundannatu ammenda ta' ghoxrin lira (Lm20);

Rat ir-rikors ta' appell tal-Avukat Generali, minnu prezentat fid-9 ta' Lulju, 2003 li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet u lil Domenico Barbara fl-udjenza tal-21 ta' Novembru, 2003; ikkunsidrat:

L-appellant jikkontendi li l-ewwel qorti naqset milli tordna t-tnehhija ta' l-inkonvenjent skond l-Artikolu 321(1) tal-Kap. 10, liema artikolu jipprovdi testwalment hekk:

**Fil-kaz ta' kontravvenzjoni, il-Qorti barra milli taghti l-piena, ghandha tordna lill-hati, meta jkun hemm lok, li jnehhi l-inkonvenjent li bih tkun saret il-kontravvenzjoni, jew, skond ic-cirkostanzi, li jezegwixxi l-ligi, fi zmien sufficjenti moghti lilu ghal daqshekk kif jigi stabbilit mill-qorti; u jekk il-hati jonqos li jezegwixxi dak l-ordni fiz-zmien hekk lilu moghti, jehel piena ta' ammenda ta' mhux izjed minn zewg liri ghal kull gurnata li l-kontravvenzjoni tkompli wara li jaghlaq iz-zmien hawn fuq imsemmi.** (sottolinear tal-Qorti).

Is-subartikolu (2) tal-imsemmi Artikolu 321, imbghad, ikompli jipprovdi li l-qorti tista' wkoll tordna illi l-inkonvenjent jigi mnehhi, jew il-ligi tigi ezegwita, mill-Pulizija, bi spejjez tal-hati illi, f'dak il-kaz, jista' jigi mgieghel ihallas l-ispiza b'mandat mahrug mill-istess qorti.

L-abbili difensur tal-appellat issottometta, fil-kors tat-trattazzjoni tieghu, li l-mizura tat-tnehhija ta' l-inkonvenjent hija fakoltattiva ghall-qorti, u mhux obbligatorja, u dan peress li d-disposizzjoni in kwistjoni tuza l-kliem "meta jkun hemm lok". Issottometta wkoll li f'dan il-kaz kien irrizulta li l-inkonvenjent ma kienx ikkagunat fil-parti l-kbira tieghu miz-ziemel tal-appellat izda minn affarijiet ohra, fosthom ghasafar li kienu jinzammu minn nies ohra.

Din il-Qorti hi tal-fehma li meta jikkonkorru cirkostanzi li jkunu jammontaw ghal inkonvenjent, il-qorti hi obbligata li

tordna t-tnehhija ta’ dak l-inkonvenjent li bih tkun saret il-kontravvenzjoni. Addirittura fir-rigward ta’ disposizzjoni analoga, li pero` tinsab mhux fil-Kap. 10 izda fil-Kodici Kriminali u li tuza l-kelma “tista’” flok il-kelma “ghandha” – l-Artikolu 377(3) – gie ritenut li meta jkunu jikkonkorru c-cirkostanzi li jindikaw li l-inkonvenjent, li bih ikun sar ir-reat, ikun ghadu jezisti, dik il-kelma “tista’” proprjament timponi <u>obbligu</u> fuq il-qorti li tordna t-tnehhija ta’ dak l-inkonvenjent (ara ***Il-Pulizija v. Edward Camilleri*** App. Krim., 14 ta’ Lulju, 1948[1]). Fil-kaz presenti, il-problema posta bl-Artikolu 377(3) tal-Kap. 9 u bl-uzu tal-kelma “tista’” anqas biss tqum, ghax l-Artikolu 321(1) tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija juza l-kliem “<u>ghandha</u> tordna”. Huwa veru li hemm il-kliem “mata jkun hemm lok”, pero` dawn, fil-fehma tal-Qorti, ma jfissru xejn ghajr li l-inkonvenjent (li jista’ jkun semplicement stat ta’ fatt bi ksur tal-ligi, u mhux necessarjament inkonvenjent fis-sens ta’ “inkommodu” ghal xi persuna partikolari) ikun ghadu jezisti. Fil-kaz in dizamina jirrizulta car mis-sentenza ta’ l-ewwel qorti li l-inkonvenjent kien iz-ziemel tal-appellat, ghalkemm dik il-qorti ma eskludietx li seta’ kien hemm affarijiet ohra li setghu kkontribwew ghall-inkonvenjent (fis-sens ta’ inkommodu) kagunat lil Domenico Barbara minhabba l-*ashtma* li huwa jbati minnha. Jirrizulta wkoll li z-ziemel ghadu jinzamm fil-fond imsemmi fl-imputazzjoni (ara d-deposizzjoni ta’ Domenico Barbara moghtija fl-udjenza tal-21 ta’ Novembru, 2003). L-ewwel qorti kienet ghalhekk obbligata li tordna t-tnehhija ta’ l-inkonvenjent, u l-fatt li ma ghamlitx hekk jammonta ghal helsien minn obbligazzjoni msemmija fl-Artikolu 321 tal-Kap. 10. L-appell ta’ l-Avukat Generali, ghalhekk, hu fondat izda mhux ghar-raguni migjuba fl-imsemmi rikors – cioe` a bazi tal-Artikolu 413(1)(b)(iii) – izda a bazi tal-Artikolu 413(1)(b)(vii) tal-Kap. 9.

[1] “Minn dik il-kelma “tista’”, li tuza l-ligi, jista’ jqum dubju li kien fid-diskrezzjoni ta’ l-Ewwel Qorti li taghmel jew le dik l-Ordni; izda kif gie ritenut fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti fid-9 ta’ Gunju, 1947 fil-kawza ***Il-Pulizija v. Carmelo Saliba***, il-kelma “tista’”, korrispondenti ghall-kelma “may” fit-test ingliz, ma hix dejjem semplicement permissiva, imma ta’ spiss ghandha tigi nterpretata bhala “placing a duty on those on whom the faculty or power is placed by a statute of exercising it”.” Kompliet tispjega dik is-sentenza, moghtija fil-konfront ta’ Edward Camilleri, li jista’ jkun hemm cirkostanzi li jistghu jakkopjaw il-fakolta` ma’ dover li dik il-fakolta` tigi ezercitata, u jimponu lil dik il-persuna li lilha giet fdata l-fakolta` l-obbligu li tezercita dak il-poter.

Ghall-motivi premessi tilqa’ l-appell ta’ l-Avukat Generali, u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata billi, b’zieda mas-sejbien ta’ htija u ma’ l-ammenda ta’ ghoxrin lira, tordna lill-appellat John Agius sabiex fi zmien gimgha mil-lum inehhi l-inkonvenjent li bih saret il-kontravvenzjoni (u ghalhekk inehhi z-ziemel mill-garage numru 15, Triq il-Gibjun, Attard) taht penali ta’ zewg liri kulljum fin-nuqqas, u b’rizerva wkoll li din il-Qorti tipprovdi ulterjorment skond is-subartikolu (2) tal-Artikolu 321 tal-Kap. 10 jekk issirilha talba f’dan is-sens mill-Avukat Generali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------